MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2006

Numru 366/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Borg)**
**vs**
**Raymond Schembri**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Raymond Schembri** ta' 39 sena, bin Frans u Irene *nee'* Saliba, mwieled Attard nhar il-31 t' Awissu, 1965, residenti f' 50, Triq l-20 ta' Jannar, Qormi u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 432465(M);

Talli f'dawn il-Gzejjer fit-22 ta' Settembru, 2004, xjentement ghin jew kellu x'jaqsam filli jigu imwarrba jew irtirati kontra l-Ligi, kwantita' ta' sigaretti bla dazju, kif jidher hawn taht, minn lok ta' kustodja fejn kienu gew iddepozitati;

- 50 kartuna b'10 pakketti b'20 sigarett kull pakkett – *Silk Cut*
- 50 kartuna b'10 pakketti b'20 sigarett kull pakkett – *Dunhill Internation*
- 100 kartuna b'10 pakketti b'20 sigarett kull pakkett – *Rothmans*
- 50 kartuna b'10 pakketti b'20 sigarett kull pakkett – *Benson & Hedges*

ukoll talli fl-istess data xjentement laqa' ghandu, gie fil-pussess, zamm heba u/jew xjentement halla jew ittollera, jew gieghel jew fittex li jigu milqugha, mizmuma l-oggetti inkwistjoni, u dan bi hsieb li jevadi d-Dadju tas-Sisa u t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (V.A.T) dovuti lill-Gvern ta' Malta, fuq is-sigaretti inkwistjoni jew parti minnhom.

Dawn is-sigaretti ghandhom Valur, Dazju tas-Sisa, Taxxa fuq il-Valur Mizjud (V.A.T) kif jidher hawn taht rispettivament:

| | **Valur** | **Dazju tas-Sisa** | **V.A.T** |
|---|---|---|---|
| A | Lm112.50 | Lm 452.25 | Lm 101.66 |
| B | Lm 125 | Lm 407.50 | Lm 95.85 |
| C | Lm 225 | Lm 904.50 | Lm 203.31 |
| D | Lm 125 | Lm 452.25 | Lm 103.91 |
| **Total** | **Lm 587.50** | **Lm 2216.50** | **Lm 504.73** |

Ukoll talli fl-istess data, wara li saret tfittxija fir-residenza ta' l-istess Raymond Schembri, instab li kelli fil-pussess tieghi 50 kartuna b'10 pakkett b'20 sigarett kull pakkett – Benson & Hedges, bla dazju. Dawn is-sigaretti ghandhom Valur, Dazju tas-Sisa, Taxxa fuq il-Valur Mizjud (V.A.T) kif jidher hawn taht rispettivament:

| **Valur** | **Dazju tas-Sisa** | **V.A.T** |
|---|---|---|
| Lm 112.50 | Lm 452.25 | Lm 101.66 |

Ukoll talli fix-xhur ta’ qabel id-data fuq imsemmija kellu fil-pussess u iddispona minn sigaretti bla dazju.

Dawn is-sigaretti li l-importazzjoni u l-pussess taghhom huma projbiti u/jew ristretti u/jew limitati, ghandhom valur totali ta’ Lm 712.50, u Dazju tas-Sisa dovut ta’ Lm 2668.75 u ukoll Taxxa fuq il-Valur Mizjud ta’ Lm 606.385, rispettivament.

Dan bi ksur ta’ l-artikoli 60 (c)(e)(k), 62 (c)(e)(f)(g)(h)(i)(k), 68 (1), 69 (1)(2) u l-paragrafu (a) tal-proviso ta’ l-artiklu 62 ta’ l-Ordinanza tad-Dwana tal-Kap 37 u l-Artikli 16 (l)(j) u 17(a) ta’ l-Att XVI ta’ l-1995 dwar Dazju tas-Sisa tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-Raymond Schembri ghall-hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Semghet il-provi;

Semghet ukoll l-ammissjoni tal-imputat;

Stanta amissjoni, il-kaz jirrizulta pruvat u ssib lill-imputat hati;

Rat l-artikoli 60 (c)(e)(k), 62 (c)(e)(f)(g)(h)(i)(k), 68 (1), 69 (1)(2) u l-paragrafu (a) tal-proviso ta’ l-artiklu 62 ta’ l-Ordinanza tad-Dwana tal-Kap 37 u l-Artikli 16 (l)(j) u 17(a) ta’ l-Att XVI ta’ l-1995 dwar Dazju tas-Sisa tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-fedina penali nadifa tal-imputat.

Tikkundannah ghall-hlas ta’ multa ta’ Lm 4682.00, kif ukoll ghall-terminu ta’ prigunerija ta’ gimgha mil-lum, liema terminu ma jiddekorriex hlief jekk l-imputat jikkommetti rejat iehor punibbli bi prigunerija u dan sa zmien sena (1) mil-lum skond l-artikolu 28A tal-Kap 9.

Il-Qorti spjeget l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

Il-Qorti tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti esebiti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------